**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 09/11(15_11_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Novembru 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-8 ta' Novembru 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
6. Jum Il-Munxar 2011.
7. Milied 2011.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 91/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward '*Administration Fee* għal Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 92/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28322 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li ndaħħlu għal ftehim biex jidħlu għal dejn biex iħallsu l-proġetti fil-lokalita' fejn fosthom hemm it-toroq.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 93/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward '*Administration Fee* għal Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 94/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Tabella fid-daħla ta' kull *Playground* tal-Kunsilli Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 95/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsijiet Parlamentari Numri 28771 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li mis-sena 2010 sal-lum applikaw għall-proġetti taħt wieħed mill-Programm tal-Unjoni Ewropea u Mistoqsija Parlamentari Numru 28773 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li qed jieħdu s-servizz ta' konsulenza mis-settur privat biex jibbenefikaw minn xi programm tal-Unjoni Ewropea.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 96/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsijiet Parlamentari Numri 28711 rigward x' qed jagħmel kull Kunsill Lokali li għandu *bring-in-sites* u persuni rresponsabbli qed jiġu jaqgħu u jqumu mill-iskart li suppost joħorġuhom wara l-bieb ħalli jiġbruhom tal-iscammel, iżda minflok qegħdin jitfgħuhom f' dawn is-siti u Mistoqsija Parlamentari Numru 28727 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li fil-preżent għandhom kawża quddiem il-Qorti.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 97/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Tnedija ta' Taħriġ Speċjalizzat – Korsijiet u *Workshops*'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 98/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28760 rigward dawk it-toroq f' kull lokal li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali li mistennija jsiru u jitlestew din is-sena u dawk li mistennija jsiru s-sena d-dieħla 2012.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 99/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28762 rigward mis-sena 2010 sal-lum kemm u liema huma t-toroq residenzjali li saru f' kull lokal.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 100/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28763 rigward mis-sena 2010 sal-lum kemm ħareġ kull Kunsill Lokali fi flus f' servizzi infrastrutturali fit-toroq residenzjali li kellhom jerġgħu jsiru.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 101/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28767 rigward il-persuni/ditti li nħarġulhom irċevuta mill-Kunsill Lokali fis-sena 2011 u mhumiex reġistrati taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jiġifieri mhumiex obbligati li joħorġu rċevuta fiskali.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 102/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28764 rigward id-dejn li kull Kunsill Lokali għandu sal-lum.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 103/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Building Together Sustainable Localities* – Konferenza Organizzata b' Kollaborazzjoni bejn il-MEUSAC u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 104/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 29066 rigward kemm se jintlaqtu Kunsilliera preżenti jekk għandhom il-ħsieb li jikkontestaw għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u ma jistgħux jerġgħu jikkontestaw elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali minħabba d-direttiva ġdida numru 5 bl-isem ta' *Political Participation and Communications with the Media* li ddaħħlet fil-*Public Service Management Code*.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 105/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Konferenza – *Building Together Sustainable Localities* 27-28 ta' Novembru 2011'.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 106/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti fuq il-Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq'.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 107/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru W449 rigward il-ħidma li saret minn kull Kunsill Lokali f' Għawdex f' dawn l-aħħar tliet snin sabiex jiggarantixxi aċċess għall-persuni b' diżabilita' għal dawk il-binjiet u servizzi li jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali u xi pjanijiet immedjati għandu sabiex l-aċċessibilita' tiġi garantita u msaħħa, kemm aċċessibilita' fiżika pero' wkoll aċċessibilita' għas-servizzi offruti minn kull Kunsill Lokali għall-persuni neqsin mid-dawl u neqsin mis-smigħ.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 108/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru W450 rigward kull Kunsill Lokali f' Għawdex x' għamel fl-aħħar tliet snin u x' xogħlijiet se jsiru fix-xhur li ġejjin sabiex *playing fields*, ġonna, libreriji, bereġ, faċilitajiet ta' servizzi soċjali u strutturi ta' natura sportiva u kulturali ssirilhom il-manutenzjoni meħtieġa jew jiġu mgħammra sabiex tiġi moqdija kull lokalita' u ċ-ċittadini tagħha.

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 109/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru W451 rigward il-faċilitajiet li għandu kull Kunsill Lokali f' Għawdex fir-rigward tas-servizzi soċjali, ċentri għall-ħarsien tat-tfal, ċentri għal matul il-jum għall-persuni b' diżabilita' u l-anzjani u faċilitajiet edukattivi oħra u xi proġetti ta' din ix-xorta huma ppjanati għax-xhur li ġejjin.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 110/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru W454 rigward Mistoqsija Parlamentari W452 li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u issa ġiet riferuta lilu u jgħid x' faċilitajiet jipprovdi kull Kunsill Lokali f' Għawdex għall-kura tal-anzjani u persuni b' diżabilita', kemm matul il-jum u anke' matul il-lejl.

2.21 Il-Kunsill irċieva Memo 111/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rigward *Noise Pollution*'.

2.22 Il-Kunsill irċieva Memo 112/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward struzzjonijiet sabiex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u jitjieb is-servizz tat-trasport pubbliku b' mod partikulari waqt il-ħinijiet ta' filgħodu.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-Laqgħa Nru. R11/11 li saret fid-29 t' Awwissu 2011.

2.24 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 63/2011 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward 'Konferenza Proġett STANDUP'.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward il-European Week for Waste Reduction (EWWR) f' Malta, ta' bejn id-19 u s-27 ta' Novembru 2011.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward il-'Europe 2020 Seminar: The Digital Agenda', fid-19 t' Ottubru 2011, f' The Palace Hotel, Sliema.

2.27 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 64/2011 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Project Management Training Course, Gozo' u fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Programme Officer mill-European Union Programmes Agency.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00540/11 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi limiti tal-Munxar minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn struttura tal-ġebel/*garage* mibnija fuq art skedata.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman*, Malta Council for the Voluntary Sector rigward il-European Year of Volunteering fejn ingħata tagħrif dwar l-Employee Supported Volunteering Conference fit-28 t' Ottubru 2011, l-European Bus Tour EYV 2011 mis-27 ta' Novembru 2011 sal-5 t' Ottubru 2011 u n-National Voluntary Award 2011.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Victim Support Malta (VSM) fejn ingħata tagħrif dwar din l-organizzazzjoni u l-ħidma tagħha. Il-VSM ipproponiet li ssir laqgħa mal-Kunsill u r-residenti tal-lokalita' fejn jiġi diskuss ir-rwol tal-VSM fir-rigward ta' l-għajnuna li tingħata lill-vittmi tal-kriminalita', kemm legali kif ukoll emozzjonali u l-bżonnijiet ta' l-anzjani.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Media Consulta Malta Ltd. rigward kompetizzjoni tat-tpenġija relatata ma' l-ispazju u l-aeronawkita għat-tfal ta' bejn id-9 u l-11-il sena bl-isem ta' Galileo Programme.

2.32 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Ġenerali, National Statistics Office rigward 'Stħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali'.

2.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Prospectus u Sejħa għall-Applikazzjonijiet dwar Taħriġ Speċjalizzat – Korsijiet u Workshops (Memo 97/2011).

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Attendenza tal-Kunsilliera'.

2.35 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Circolo Gozitano rigward 'Ġieħ Għawdex Awarding Ceremony and Jum Għawdex Activities', fit-28 t' Ottubru 2011.

2.36 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap tal-Kummissjoni Ewropea Rappreżentanza f' Malta rigward l-'11$^{th}$ Edition of the European Film Festival - 2011'.

2.37 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward il-proġett 'Empower 2011/12'.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson*, Commission on Domestic Violence rigward 'Seminar for Directors and Management on Domestic Violence' fil-Hotel Juliani, San Ġiljan, fid-19 t' Ottubru 2011.

2.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Promoting the Sustainable Use of Pesticides' u l-*Consultation Session* f' Għawdex rigward l-'Implementation of Directive 2009/128.EC'.

2.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-E-GOV Junior Consultant fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-E-GOV4U *Flyers* li ser jitqassmu fid-djar kollha ta' Malta u Għawdex dwar l-E-GOV4U *courses* bla ħlas.

2.41 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 66/2011 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 19 ta' Novembru 2011'.

2.42 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President – Kumitat Olimpiku Malti rigward il-'MOC (Maltese Olympic Committee) Sports Awards' f' Diċembru 2011 u l-iskema tal-'MOC Local Council Sports Awards'.

2.43 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Skema tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (l-MCA) – ICTforALL'.

2.44 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-preżentazzjoni ta' kopja tal-ktieb 'L-Avvanz tal-Pellegrini' ta' John Bunyon, li ppubblika u ttraduċa Joseph Farrugia, fit-28 ta' Novembru 2011 fis-sala tal-Kunsill Lokali Birkirkara.

2.45 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-EU Fund Officer, Ministry for Resources and Rural Affairs rigward 'M313/323 Bilateral Meetings – Il-Munxar Local Council' li jmiss u l-Minuti ta' l-aħħar *Bilateral Meeting (8th Bilateral Meeting* – Settembru 2011*)*.

2.46 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Uffiċjal fis-Segretarjat Privat fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima Kultura rigward 'Postijiet għal Wirjiet fil-lokalitajiet'.

2.47 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Premijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2011 – Premijiet Ewropej għall-Intrapriża'.

2.48 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Co-Ordinator ta' The President's Charity Fun Run 2011 rigward il-President's Charity Fun Run, fl-4 ta' Diċembru 2011.

2.49 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward id-*day event* organizzata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-World Children's Day bl-isem ta' Festa Tfal, fit-13 ta' Novembru 2011, fil-Villa Francia.

2.50 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand iċ-*Chairman* tal-LES Management Committee rigward l-*Authorised Officers*.

2.51 Il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi irċevew stedina mingħand id-Directorate for Tourism and Economic Development fil-Ministeru għal Għawdex għall-Konferenza 'Rural Tourism in Gozo. Developing a Distinctive and Sustainable Destination' fl-4 ta' Novembru 2011, fil-Grand Hotel, Mġarr.

2.52 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Foundation for Social Welfare Services rigward il-Konferenza 'Inrawmu 'l Uliedna Aħjar', fl-24 ta' Novembru 2011 organizzata mill-Aġenzija Sedqa b' kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji tat-Tfal.

2.53 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Bird Breeders Society rigward il-Wirja Annwali ta' din is-sena, fl-ewwel *weekend* ta' Diċembru 2011, fil-Victoria Sports Complex.

2.54 Il-Kunsill irċieva OPM Circular No 18/2011 mingħand il-Permanent Secretary, Office of the Prime Minister (Operations) rigward 'Donations to L-Istrina Campaign 2011'.

2.55 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Managing Director, 3a Accountants fejn ingħata tagħrif dwar din il-Kumpanija u stieden lill-Kunsill għal Official Launch of 3a Gozo Offices, fil-11 ta' Novembru 2011, fil-Grand Hotel, Mġarr.

2.56 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Ġenerali, Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2011'.

2.57 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Reġjun Għawdex bl-Aġenda tat-13-il laqgħa tar-Reġjun, rigward il-laqgħa għal dawk li rċevew l-invit għall-iffirmar tal-Patt tas-Sindki u rigward il-laqgħa għal dawk li ser imorru l-Brussels Study Visit.

2.58 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-Laqgħa Nru.2/11 li saret fl-24 ta' Marzu 2011 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.59 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Project Leader, Istitut tal-Kriminoloġija, Universita' ta' Malta rigward l-EU project bl-isem ta' JANUS u talbu l-għajnuna tal-Kunsill billi jibgħatu Rappreżentant lill-Kunsill u ssir *Interview*.

2.60 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-TCTC rigward 'EGOV4U and ICT4ALL AGES community training courses'.

2.61 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward is-*Seminar* 'European Platform against Poverty and Social Exclusion', fis-16 ta' Novembru 2011 fil-Palace Hotel, Sliema.

2.62 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-iLabMalta Ltd. rigward 'Training in Gozo for new Licence Agency System', fil-15 ta' Novembru 2011 fil-Ministeru għal Għawdex.

2.63 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand il-Policy Co-ordinator tal-Kultura fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura dwar il-*Forum* Nazzjonali tal-Wirt Kulturali, fis-17 ta' Novembru 2011 f' Dar il-Mediterran, Valletta.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* mingħand l-Enemalta fejn qed isaqsu lill-Inġinier tal-Kunsill dwar l-arblu li twaħħal fi Triq Bardan, limiti ta' Il-Munxar. L-Enemalta trid tkun taf minn fejn inxtara dak l-arblu li twaħħal mis-sid li qed jitlob li l-Kunsill iwaħħal bozza miegħu. Il-Kunsill irrefera din l-*e-mail* lis-Sid.

3.02 Il-Kunsill irċieva *Statement of Funds* mingħand il-MEPA dwar l-Urban Improvement Fund (UIF) għal-lokalita' tal-Munxar u Ix-Xlendi. Sa l-aħħar t' Ottubru 2011 dan il-fond jammonta għal €4,528.32 għall-Munxar u €131,415.86 għax-Xlendi.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq San Pawl fejn dan qed jitlob sabiex il-Kunsill joħroġ stima biex isir *water culvert*. Huwa lest li jikkontribwixxi għal dan il-*water culvert*.

3.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward l-organizzazzjoni tal-European Week for Waste Reduction in Malta. Huma qed jinkoraġġixxu li aktar Kunsilli Lokali jieħdu sehem. Il-WasteServ Malta Ltd. qed jibgħatu wkoll informazzjoni dettaljata dwar din l-attivita'.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Rappreżentant tas-Subculture Animal Friends. Dawn ser jippubblikaw ktejjeb maħsub għat-tfal li jattendu l-iskejjel ta' l-istat f' Malta u Għawdex bil-għan li jkomplu iqajjmu aktar kuxjenza u għarfien dwar il-ħarsien ta' l-annimali. Permezz ta' din l-*e-mail* qed jitolbu lill-Kunsill jgħin billi jissieħeb magħhom f' dan il-proġett billi jħallas sa €100 u nkunu parteċipi billi tidher l-arma tal-Kunsilll u nkunu parti minn dan il-proġett.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-proposta mingħand it-Taqsima responsabbli mill-*Parks* u l-Inizjattivi fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) fejn qiegħda tistieden lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex jikkonsidraw li jibnu mixtla żgħira biex jitkabbru siġar indiġeni Maltin. Il-Kunsill ser jikteb u juri li huwa interessat.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Surmast tal-Gozo College Boys Secondary tar-Rabat Għawdex. Huwa qed jitlob is-sapport tal-Kunsill peress li student mill-Munxar ser jifforma parti minn grupp ta' studenti li ser iżuru l-Parlament Ewropej fi Brussels bejn it-30 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2011. Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara l-laqgħa tas-Sindki staqsa lil xi Sindki x' ser jagħmlu u qalu li ser jagħtu €50 għal kull student peress li din ser tkun viżita edukattiva f' istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Age Concern. Din l-Għaqda qed titlob lill-Kunsill sabiex jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali sabiex jinbnew djar għall-Anzjani f' Għawdex anke' jekk ikunu djar bi sħab mal-privat. Barra minn hekk, din l-Għaqda qed tħeġġeġ sabiex jinstabu voluntiera li jkunu jistgħu jżuru lill-Anzjani fid-djar tagħhom u jakkompanjawhom meta joħorġu għall-qadjiet li jkollhom bżonn.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 09/11(15_11_11).

**5.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.**

5.01 Il-Perit Samuel Formosa ppreżenta stima għax-xogħlijiet ta' l-ewwel fażi tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja. L-istima titla' għall-ammont ta' €211,000. Il-Kunsill kien ser jibbenefika s-somma ta' €70,000 mill-Fond Eco-Gozo li ser imorru għal dan il-proġett. Il-Kunsill diġa' applika għal żewġt iskemi oħra li ġew imnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Jekk il-Kunsill jikkwalifika għal dawn iż-żewġt iskemi, huwa stmat li jkunu jammontaw għal €35,000 u €40,000. Għaldaqstant mill-istimi ta' €211,000 jibqa' bilanċ ta' €66,000 li għad irridu naraw minn fejn ser jiġu ffinanzjati. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitnaqqas xi pavimentar sabiex titnaqqas l-istima. Ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jiddiskuti din il-materja f' laqgħa oħra.

5.02 Fuq talba tas-Sur Buttigieg iltqajna flimkien mal-Perit u xi residenti fil-Pjazza u ġie spjegat il-proġett. Sar ilment bil-problema ta' l-ilma u ser jiġi kkunsidrat li titbaxxa l-Pjazza kollha.

**6.00 Jum Il-Munxar 2011.**

6.01 Din is-sena Jum Il-Munxar ser jaħbat it-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2011. Ser issir Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar. Wara l-quddiesa ser isir il-ftuħ uffiċjali tal-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Dritt wara ser tinżamm Serata ta' Jum Il-Munxar fiċ-Ċentru Parrokkjali. F' din is-Serata ser jiġi ppreżentat 'Ġieħ Il-Munxar'.

**7.00 Milied 2011.**

7.01 Din is-sena l-Kunsill ser jerġa' jżejjen il-Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Karmnu. Il-Kunsill kien ser jippubblika sejħa għall-kwotazzjonijiet għal disinn u kiri ta' dwal tal-Milied.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Ix-xogħlijiet fit-tisbiħ tal-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 huma kważi lesti. Il-*merry-go-round* u t-tapit ta' taħtha ser isiru aktar 'il quddiem peress li qabel iridu jsiru l-padestal tal-monument u l-*barriers* għall-ilqugħ. Parti minn bankina fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina tranġat u anke' dik il-parti fit-tarf ta' Triq il-Madonna tal-Karmnu. Huwa ppjanat li jsiru *blocks* taħt il-bankijiet li hemm fil-ġnien ta' Triq Kolaċi.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-*Prize Day* ta' l-Iskola ta' Sannat. Peress li l-istess Skola pparteċipat fl-attivita' Eku mill-Munxar…*dari u llum* li saret f' Mejju ta' din is-sena billi waqqfet *stand,* il-ħlas ta' dan is-servizz ser jingħata fil-*Prize Day*.

9.02 Fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġew diskussi l-fondi li qegħdin għand il-Joint Committee u li jappartienu lill-Kunsilli. Ġie deċiż li għalissa dawn il-fondi jgħaddu għand ir-Reġjun peress li x-xogħol tal-Joint Committee għadda għand ir-Reġjun mill-1 ta' Settembru 2011.

9.03 Il-*Bus Shelter* tal-Pjazza ġiet approvata minn Transport Malta u għalhekk il-Kumpanija Faces Consultants Ltd. ser tinstalla l-*Bus Shelter*.

9.04 Is-Sindku jixtieq jirringrazzja lil kull min kien għen u pparteċipa fil-proġett ta' tisbiħ tal-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957: lill-Ministru għal Għawdex – l-Onor. Giovanna Debono, s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor. Dr. Chris Said, l-Ambaxxatur ta' l-Awstrija – DDr. Petra Schneebauer, is-Sur Christian Koller – Skultur, is-Sinjuri Paul u Christine Fucks, is-Sur Emanuel Zammit u fl-aħħar u mhux lanqas lir-residenti tal-Munxar.

9.05 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa ma' Uffiċjali tal-MEPA dwar il-permess għal xogħlijiet f' Tal-Ponta, Il-Munxar.

9.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attivitajiet li qed isiru fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' kull ġimgħa kienu għadhom kemm bdew. Dsatax-il persuna qed taddendi għal kors *General Fitness* u 9 tfal qed jattendu għall-kors *General Fitness and Sports Activities*.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-ġranet li ġejjin kienet ser tinħareġ sejħa pubblika għal servizz ta' Perit għal xogħlijiet tal-Kunsill u Kumitat Amministrattiv, kif ukoll għal servizz ta' Perit għal xogħlijiet ta' Restawr tat-Torri tax-Xlendi, xogħol li qed jieħu ħsiebu Ix-Xlendi Tower Management Committee.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Patrick Grima ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li residenta ta' Triq il-Kalkara tal-Ġir talbet sabiex titranġa r-rampa ta' quddiem il-*garage* u meta staqsiet fl-uffiċċju tal-Kunsill din ġiet informata li l-Kunsill ma jagħmilx rampi. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser imur fuq il-post sabiex jara eżattament x' qed titlob din il-persuna.

11.02 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li qasab li ħiereġ għal ġot-triq fil-Wied tax-Xlendi jinqata'. Hija reġgħet fakkret li dik it-triq ta' taħt l-ex-Andar Hotel li kienet sfrundat għadha ma tranġatx kif ukoll il-ħajt li jdawwar il-blokk ta' appartamenti, li għalkemm huma lesti, għadu ma tneħħiex. Is-Sindku rrimarka li kien kiteb u kellem kemm-il darba lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp dwar it-triq li sfrundat.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku irċieva talba sabiex issir lampa ġdida mal-faċċata tal-binja fejn kien hemm l-ex-Andar Hotel. Din it-talba ser tiġi rreferuta lill-Inġinier tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |